MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1020/2006

**Attilo Vassallo Cesareo (ID 412638M) f'ismu u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta DI Vassallo**

**Vs**

**Alfred Muscat (ID 950444M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta` Novembru, 2006 fejn qed jintalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` hames mija u tlieta u disghin lira (Lm593) rapprezentanti parti mill-ammont li l-konvenut kien zbanka mir-Registru tal-Qorti wara r-rikors li pprezenta fl-4 ta` April, 2006 (Dok A) u liema ammont ghandu jinghata lura lill-attur ghaliex il-konvenut ikun thallas aktar milli suppost.
Din is-somma hija parti minn somma akbar depozitata mill-HSBC Bank Malta plc permezz ta` cedola numru 326/06 (Dok B) datata 28 ta` Marzu, 2006 wara li l-

konvenut kien talab u ottjena hrug ta` mandat ezekuttiv numru 1913/05 fl-ismijiet Alfred Muscat vs Attilio Vassallo Cesareo pro et noe ipprezentat fid-9 ta` Dicembru, 2005 (Dok C). Wara rikors ipprezentat mill-attur fit-28 ta` Dicembru, 2005 il-Qorti tat digriet fis-16 ta` Jannar, 2006 fejn illimitat l-imghax ghas-somma ta` Lm1,000 (Dok D) u ghalhekk is-somma ta` Lm593 mitluba fl-odjerna kawza ghandha tintradd lura lill-attur il-ghaliex il-konvenut rcieva iktar flus minn dak li kellu jircievi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 15 ta` Dicembru, 2006 fejn eccepixxa preliminarjament l-inkompetenza ta` dan it-Tribunal *ratione materiae* peress illi l-meritu in kwistjoni jitratta l-esekuzzjoni ta` sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Gie eccepit inoltre l-intempestivita` tal-azzjoni odjerna stante li ma saret l-interpellanza relattiva u dana oltre ghall-fatt li ghad iridu jsiru l-konteggi bejn il-partijiet fuq l-ispejjez tal-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Illi fi kwalunkwe kaz gie ritenut inoltre li kienet l-istess Prim Awla li awtorizzat l-izbank in kwistjoni. B'riserva li jitresqu eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra l-provi migjuba konsistenti fid-dokumenti esebiti.

Ezamina n-noti ta` osservazzjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-meritu tal-kaz jinsab ben definit fil-premessi tal-avviz u fid-dokumenti annessi ma` l-istess avviz. Illi l-kaz in ezami jitratta in sustanza allegazzjoni ta` flus imhallsa zejda fil-process ta` esekuzzjoni ta` sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili. Illi kemm l-izbank tal-flus u kif ukoll il-limitazzjoni tal-hlas ta` l-imghax dovuta jidher li gew awtorizzati t-tnejn mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u cioe` minn dik il-Qorti li kienet semghet, trattat u ddecidiet il-kwistjoni bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li jekk issa nqalghet kwistjoni bejn il-partijiet fuq il-quantum ta` l-ezekuzzjoni

tas-sentenza, din tispetta li ghandha tigi ggudikata minn dik il-Qorti li tat l-istess sentenza u li konsegwentement awtorizzat l-ezekuzzjoni taghha.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut billi iddikjara l-inkompetenza ta` dan it-Tribunal *rationae materiae* u konsegwentement jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni tal-kaz.

L-ispejjez gudizzjarji ta` din l-istanza ghandhom fuq bazi ta` ekwita jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------